MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2004

Numru 622/2000

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)
(Spettur John Sacco)

Vs

Roderick Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Roderick Schembri bin Anthony u Maria Assunta maghrufa bhala Sonja nee' Sciberras imwieled Pieta u residenti Zurrieq ta' karta ta' identita' numru 164282(M), akkuzat talli:

1. fid-9 ta' Settembru 2000 ghal habta tal-11.00 pm gewwa iz-Zurrieq ikkometta serq ta' arma tan-nar (senter) tal-ghamla Browning bin-numru serjali 72402 liema serq

huwa kkwalifikat bil-valur, persuna, lok u bil-hin ghad-detriment ta’ Anthony Schembri miz-Zurrieq;
2. fl-istess jum ghal habta tal-11.30 pm gewwa il-Wardija limiti taz-Zurrieq, bil-hsieb li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, jew igib disordni f’mohh diversi persuni, wera dan il-hsieb b’atti esterni billi spara diversi tiri ta’ arma tan-nar (senter) fid-direzzjoni ta’ l-istess persuni, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndinpendenti mill-volonta’ tieghu;
3. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu u garr arma tan-nar u munizzjon barra minn xi fond jew f’post li jaghmel mieghu, minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra diversi persuni, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
5. aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi spara arma tan-nar wara nzul ix-xemx;

Il-Qorti giet mitluba:

sabiex fil-kaz ta’ htija tal-imputat, tordna l-iskwalifika tal-licenzji jew li jottjeni licenzji ghall-perjodu li jidrilha xieraq;
sabiex jekk jidrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien ma’ piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Rodrick Schembri b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ soma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti;
sabiex meta taghti s-sentenza jew f’kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew hatjin, ghall-hlas lir-registratur, ta’ l-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri f’dak iz-zmien u f’dak l-ammont bhala ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti pruvati f’din il-kawza huma li fid-data u hin imsemmija l-imputat flimkien ma’ terz hargu mill-Kazin tal-Karmnu z-Zurrieq u marru lejn il-post imsejjah ‘il-Wardija’ certu distanza boghod mill-kamra tan-nar fejn fl-inhawi taghha kien allestit ‘barbecue’ organizzat mis-Socjeta’ ta’ Santa Katerina. Fil-hin tal-11.30 pm circa gew sparati hames tiri b’arma tan-nar fid-direzzjoni fejn kien qieghed isir il-‘barbecue’ tant illi xi persuni hassew xi residwi tal-iskratacc sparti jolqtuhom.

Illi dan il-fatt tal-hames tiri sparati u l-fatt li kien l-imputat li sparhom huma ben pruvati kif ukoll ammessi mill-imputat. Hu pero’ stqarr li kien spara fuq qattus.

Issa l-imputat huwa mixli ta’ serq tal-arma tan-nar in kwistjoni vl-aggravji tal-valur, persuna, lok u hin; ukoll b’attentat li jikkaguna ferita gravi; ukoll b’pussess ta’ arma tan-nar minghajr ma kien hemm licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija; ukoll talli t-tiri gew sparati barra fond u wara inzul ix-xemx u fil-waqt ta’ twettiq ta’ delitt.

Illi fil-konfront tal-akkuza ta’ serq tal-arma tan-nar Browning numru 72402 hemm provi sodisfacjenti li juru li l-arma hi ta’ missier l-imputat u mkien ma jirrisulta li din kienet giet misruqa anzi l-imputat xehed li dik l-okkazjoni ma kinitx l-ewwel darba li spara bih.

Idem fil-konfront tat-tieni akkuza fis-sens li l-provi juru b’mod car li kien impossibbli minhabba d-distanza li t-tiri setghew anke remotament jolqtu u jweggaw lil minn kien qieghed jiehu sehem fil-‘barbecue’ ghalkemm hu probabbli, pero’ mhux pruvat fil-grad rikjest, li t-tiri kienu indirizzati jekk mhux ukoll intizi biex jekk xejn jikkreaw apprensjoni fuq il-persuni hemm migbura.

Illi dwar l-kumplament ta’ l-akkuzi, hlief ghar-raba’ akkuza fuq l-iskorta ta’ dak li ntqal fil-paragrafu precedenti

relattivament it-tieni akkuza, dawn ghandhom jirrisultaw anka mix-xhieda stess tal-imputat.

Ghalhekk tiddecidi l-kawza billi fil-waqt li ma sibx l-imputat hati tal-ewwel, t-tieni, u r-raba akkuza, issibu hati tat-tielet u l-hames. Rat l-Artikolu 3 tal-Kap 66 u l-Artikolu 15(1) u 23 tal-Avviz legali 146/93 u tikkundannah sitt xhur prigunerija u multa ta’ Lm100. Tordna ukoll il-konfiska tal-arma tan-nar u tordna l-iskwalifika tal-imputat milli jikseb jew ikollu licenzja sija taht l-Kap 66 jew xi ligi jew avviz legali iehor senjatament l-avviz legali 146/93 ghall-perjodu ta’ hames snin mill-lum.

Illi ghal dak li hi prigunerija rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u tissospendihom ghall-perjodu ta’ sentejn mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija.

Fl-ahhar tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha inkorsi f’dawn il-proceduri konessi mal-hatra tal-esperti u dana ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 u zmien mhux oltre xahar li l-istess spejjez jigu notifikati lilu permezz tar-Registratur ta’ dawn il-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------